**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.**

**Illum il-Gimgha 3 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Priscilla Caruana Lee)**
**(Spt. Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Nasreddine Benounis**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nasreddine Benounis**, ta' 49 sena, imwieled Algeria fit-13 t' April, 1967, iben Mustafa u Amira Fatima, residenti numru 46, Rue Bourmel, Jijel, Algeria, detentur tal-passaport Algerin bin-numru 143946180.

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Mejju, 2016, dahal gewwa port f' Malta il-bastiment bin-numru ta' mmarkar estern OR5154 u bl-isem Beni Louma, li jtajjar bandiera Algerina:

1. Bhala kaptan tal-bastiment tas-sajd hawn fuq imsemmi wettaq reat ta' xorta gravi skont id-dispozizzjonijiet kombinati tal-artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 stante li naqas milli jinnotifika lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura bl-informazzjoni mehtiega mill-anqas tnejn u sebghin (72) siegha qabel il-hin mistenni tal-wasla fil-ort, liema nuqqas huwa ksur tal-obbligi relattivi skont l-Artikolu 6 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1005/2008, kif derogate mill-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-kost u l-ispejjez relattivi ghall-procedimenti skond l-Artikolu 31 (4) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk u kif applikabbli.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f' kaz ta' htija jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 35 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-garanziji dovuti u taz-zamma tal-bastiment tas-sajd jew il-konfiska skond il-kaz, kif ukoll dawk id-dizpozizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi fir-rispett ta' kull konfiska u/jew ghoti ta' garanzija, dan dejjem skond dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tordna u timpani.

Il-Qorti rat l-akkuzi u l-ammissjoni tal-imputat.

Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08, l-Artikolu 6 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1005/2008, kif derogat mill-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011, l-Artikolu 31 (4) u l-Artikolu 35 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fatti kollha tal-kaz u d-dokumentazzjoni esebita mill-Pulizija.

Fehmet ic-cirkostanzi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u timmultah multa ta' elfejn euro (€2000).

Il-Qorti tordna wkoll illi l-passaporti jigu rilaxxjati lura lill-imputat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Registratur.**